**Kids' Eco Summit – Marzu 2009**

***Proposti mressqa minn studenti tal-iskejjel Sekondarji (Stat /Knisja/Indipendenti) li qed jipparteċipaw fil-programm EkoSkola:***

## L-ENERĠIJA

| **Il-Proposta** |
|---|
| |
| Iktar koperazzjoni mal-entitajiet kollha kkonċernati bil-għan li tinħoloq klima ta' impenn ġenwin f'kull livell. Li nedukaw biex inġibu bidla fil-mentalità hija sfida kbira. |
| Biex il-*policies* ikunu verament kredibbli, il-proġetti kollha li qed jitwettqu mill-awtoritajiet, speċjalment dawk relatati mal-industrija tal-bini kif ukoll il-mod li bih jitmexxew id-dipartimenti tal-Gvern, iridu jkunu jirriflettu sew l-impenn tal-Gvern bil-fatti biex titrażżan il-ħela fil-konsum tal-enerġija. |
| Il-poplu għandu jkompli jiġi inkuraġġit biex jinvesti f'apparat li jitħaddem minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Għal dan il-għan nissuġġerixxu li jkun hemm *rebates* fuq il-kontijiet tad-dawl/ilma għal dawk li jinstallaw dan it-tip ta' apparat. |
| Għandna nesploraw aktar il-possibiltà li niġġeneraw enerġija nadifa mill-baħar li jdawwar il gżejjer Maltin. Hemm bżonn isir aktar sforz ġenwin biex naraw x'possibiltajiet hemm. |
| Dan jista' jsir permezz ta' konsultazzjoni sħiħa mal-partijiet kollha interessati jew billi jkun hemm kompetizzjonijiet b'inċentivi attraenti għal aktar proġetti vijabbli. |

# IT-TRASPORT

| **L-Infrastruttura** |
|---|
| |
| Il-problemi tat-traffiku jistgħu jitnaqqsu jekk titjieb is-sitwazzjoni fit-toroq permezz ta' inqas ħofor u ta' kwalità aħjar ta' tarmak.<br>Ħofor fit-toroq – aktar traffiku /aktar ħsarat – aktar importazzjoni ta' *parts* minn barra – aktar *fuel* jinħela biex jaslu l-*parts* – aktar gassijiet serra fl-arja. |
| *Roundabouts*, toroq u *central strips* għandhom jinbnew b'mod li ma jkunx hemm *bottlenecks*, u l-*lanes* jistgħu jitwessgħu skont it-traffiku.<br>Jonqos it-traffiku – jinħela anqas fuel – inqas gassijiet serra fl-atmosfera. |
| Is-*sleeping policemen* għandhom jitqiegħdu b'mod iktar għaqli: fejn hemm bżonn biss, li jkunu jidhru sew u mhux kbar iż-żejjed. Inqas ħsarat fil-vetturi – inqas bżonn li jintbagħtu *parts* bil-baħar jew bl-ajru – jinħela anqas *fuel* (fit-traġitt/biex isiru l-*parts*) – inqas gassijiet serra fl-atmosfera. |
| F'toroq arterjali ma jingħatawx permessi għall-ħwienet u parking *bays*. Dawn qed jirriżultaw f'konġestjoni kbira ta' traffiku. |
| Filwaqt li jitħawlu iktar siġar u pjanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, għandha tingħata attenzjoni biex dawn jinżabru spiss u ma jkunux ta' inkonvenjent għas-sewwieqa. |
| Kemm jista' jkun jitnaqqas id-dawl għalxejn fit-toroq, u fejn hemm bżonnu jitħaddem b'sorsi alternattivi t'enerġija |

| **Mezzi oħra ta' trasport** |
|---|
| |
| Inħossu ħafna li l-użu tar-roti għadu lura f'Malta.  Biex jikber l-użu tar-roti qed nitolbu li jkun hemm iktar *bicycle lanes* li jiffaċilitaw it-trasport bejn raħal u ieħor – mhux sempliċement bħala mod ta' rikreazzjoni. |
| Is-sistema tal-*park and ride* kienet suċċess, u naqqset ħafna l-problema tat-traffiku.  Qed nissuġġerixxu li din tiġi introdotta f'postijiet oħra bħal Paceville, Tas-Sliema u l-Qawra, fejn ikun hemm konġestjoni tat-traffiku f'ħinijiet partikolari. |
| Qed nipproponu li biex jonqos it-traffiku u tikber il-kultura ta' *car pooling*, tiġi introdotta s-sistema ta' *alternate number plates* – fejn il-karozzi kollha ma jintużawx kuljum. |
| Mezz ieħor ta' trasport li jħammeġ huwa t-trasport tal-baħar.  Nixtiequ li jkun hemm xi tip ta' moniteraġġ ta' ħmieġ fil-baħar – permezz ta' filters li jkejlu l-ħmieġ fil-baħar. |

| **IT-Trasport Pubbliku** |
| --- |
| |
| L-ikbar soluzzjoni għall-problema tat-traffiku fit-toroq huwa t-trasport pubbliku. Kieku dan is-servizz ikun iktar effiċjenti u ta' min jorbot fuqu nnaqqsu ħafna mill-problemi li għamilna referenza għalihom qabel.<br><br>Għandna ftit suġġerimenti biex dan is-servizz jitjieb:<br>1. jinbidlu l-karozzi l-qodma<br>2. jgħaddu iktar spiss<br>3. ikun hemm sistema ta' ħin speċifiku fi x'ħin jgħaddu l-karozzi<br>4. is-servizz jitkompla bil-lejl ukoll – fuq bażi ta' *mini buses* li ma jkunux daqshekk frekwenti<br>5. isiru testijiet rigorużi u spissi fuq ħruġ ta' emissjonijiet mill-karozzi<br>6. jintużaw *cards* flok *tickets* li jnaqqsu l-ħela ta' karti fis-sistema ta' *ticketing* li hemm fil-preżent |

| **L-Edukazzjoni** |
| --- |
| |
| Waħda mis-soluzzjonijiet għall-problema tat-traffiku hi li tiżdied l-edukazzjoni. Għandna bżonn inkunu iktar infurmati fuq kif għandna nużaw il-karozzi biex ma jaħlux u jwaddbu aktar gassijiet serra fl-atmosfera. Jekk bniedem ma jkunx konxju dwar ċerti affarijiet ftit jista' jagħmel biex itaffi l-konsegwenzi tal-aġir tiegħu. Inħass il-bżonn li jiżdied l-għarfien, u, permezz tal-programm EkoSkola, ningħaqdu mal-komunità lokali biex in-nies tkun infurmata sew. |
| Aħna biħsiebna nerġgħu niltaqgħu mal-Ministru preżenti biex jerġa' jiltaqa' magħna u jagħtina *feedback* ta' kemm minn dawn il-proposti ġew imwettqa. Aħna ħa nagħmlu mill-aħjar biex fl-iskejjel tagħna nkomplu noħolqu iktar kuxjenza, u nieħdu azzjoni favur l-ambjent. |

# L-ISKART

| **Innaqqsu** |
|---|
| |
| In-nies titgħallem tixtri kemm ikollha bżonn  mhux tixtri ż-żejjed u tispiċċa tarmi. Offerti speċjali u *sales* iħajru n-nies tixtri dak li mhux verament ikollha bżonn. Innaqqsu l-konsum ma jfissirx innaqqsu l-kumdità imma nnaqqsu l-ħela. |

| **Nerġgħu nużaw** |
|---|
| |
| Hu fundamentali li nqanqlu aktar kuxjenza dwar kif nistgħu nerġgħu nużaw il-materjali qabel narmuhom. |
| Ikun hawn ċentri fejn in-nies tkun tista' tieħu xi *hardware* u partijiet ta' magni li jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw flok jintremew- bħal mobiles, *white goods* u kompjuters. |
| Jintbagħtu l-kartolini tal-Milied u affarijiet oħra, bħal ħwejjeġ, lill-missjoni. |
| Isiru fieri u sistemi ta' self biex il-kotba tal-iskola jiċċirkolaw. |
| Kumpaniji ġodda jkunu inkoraġġuti mill-Gvern biex jużaw kompjuters u riżorsi elettroniċi li jkunu diġà użati. |
| Fuq skala nazzjonali jistgħu jkunu introdotti proġetti fejn l-ilma tal-A.C.s u *de-humidifiers* jerġgħu jintużaw għall-ħasil tal-art jew biex jissaqqew il-pjanti. |
| Jintuzaw *cartridges* tal-kompjuter u *white-board pens* li jistgħu jerġgħu jimtlew. |
| Il-fliexken tal-ilma faċilment jistgħu jerġgħu jimtlew u r-*rechargeable batteries* huma innovazzjonijiet tajbin. |
| Batteriji jinġabru biex jintremew fejn suppost. |
| Fl-iskejjel jintużaw l-istess basktijiet tal-iskola u aċċessorji oħrajn (eżempju: *stationery* u *lunch boxes*). Ma jkunx hemm il-ħtieġa li jinbidlu kull sena. |
| U xi ngħidu mill-iskart prodott minn twaqqigħ ta' bini?  Sewwa li narmu l-ġebla Maltija meta nafu li din qed tispiċċa? Nistgħu nħottu flok inwaqqgħu kif qed isir f'pajjiżi oħra? (*Deconstruction* u mhux *Demolition* – inqas ħela, iktar impjiegi, iktar għaqal) |
| Ikun possibbli li nirritornaw jew nerġgħu nimlew fliexken fil-ħwienet, per eżempju fliexken tas-sapun tal-ħasil? |

| **Nirriċiklaw** |
|---|
| |
| Jiġu introdotti kontenituri tal-iskart għall-kompost fi skejjel li m'għandhomx. |
| Isiru *bottle banks* kemm għall-fliexken tal-plastik tal-ilma u kemm għal dawk tal-ħġieġ, per eżempju tal-birra, biex iħajjar in-nies ma jarmuhomx mal-iskart normali. |
| Kunsilli Lokali jistgħu jfittxu li jqiegħdu l-BIS f'postijiet prominenti (Eżempju: viċin ta' *supermarkets*). |
| Il-kontenituri tal-iskart f'postijiet pubbliċi jistgħu jkunu diviżi biex l-iskart ikun isseparat. |

| |
|---|
| Għandna naraw li tinżamm l-istess *colour code* fuq kull tip ta' kontenitur tal-iskart għal dak it-tip ta' skart riċiklabbli. Hemm postijiet f'Malta fejn fuq kontenituri tal-iskart li fih jitpoġġa l-plastik issibu kulur blu u f'postijiet oħra ssibu kulur ieħor. |

| ***Recovery- Waste to Energy*** |
|---|
| |
| Minħabba l-bżonn kbir ta' enerġija, parti minnha tista' tiġi mill-iskart. |
| Minkejja dan għandna nkomplu nħeġġu u nenfasizzaw sabiex in-nies tnaqqas, terġa' tuża, tirriċikla l-materjali, filwaqt li l-iskart li ma jistax ikun irriċiklat BISS jintrema u jkun jista' jintuża għall-energija. |

| **L-Edukazzjoni** |
|---|
| |
| Aktar tagħrif u statistiċi konkreti fuq l-ammont u t-tip ta' skart li niġġeneraw. Per eżempju nagħmlu kampanji ta' riklamar fuq it-TV, *billboards*, fuljetti u attivitajiet oħra. Per eżempju, jekk noti u dokumenti oħrajn maħruġin fl-iskejjel u postijiet tax-xogħol ikunu pprintjati fuq iż-żewġ naħat tal-karta jintuża nofs il-materjal u għaldaqstant in- numru ta' siġar li jitqaċċtu se jonqos. |
| Kampanja edukattiva dwar skart organiku u kif jista' jsir kompost – permezz ta' *wormeries*, *food waste digesters (Green Cones)* u *bins* tal-kompost. M'hemmx għalfejn ikollok ġardina! |
| Jinħass il-bżonn li l-edukazzjoni ambjentali u dak kollu relatat magħha għandu jingħata iktar importanza ġol-iskejjel. |
| Kampanja edukattiva kontra l-użu tal-boroż kemm tal-plastik kif ukoll tal-karti. U xi ngħidu għal tazzi, kontenituri, pożati *disposable* li jintużaw bla rażan għall-konvenjenza tagħna? |
| Kampanja edukattiva biex in-nies tifhem għalfejn ikun aħjar li tixtri prodotti f'pakketti kbar (jitnaqqas l-ammont ta' skart minn ippakkjar, ikun hemm inqas spejjeż involuti). |

| **IL-Gvern – Liġijiet -Infurzar** |
|---|
| |
| Liġi dwar *junk mail* – għaliex jintefgħu f'kull residenza? – importanti li jitnaqqas l-ammont imqassam. Jitqassmu *stickers* biex jitwaħħlu mal-*letterbox* li juru li min joqgħod hemm ma jridx jirċevihom? Għaliex dan il-materjal jitqassam f'kull bieb, anke fi djar magħluqa jew mhux abitati u f'residenzi tas-sajf meta nafu kemm hawn minn dawn? |
| Jiġu ssussidjati/jitneħħa l-VAT fuq prodotti magħmula minn materjal riċiklat speċjalment karti, lapsijiet, rigi, eċċ. |
| Il-karta li tintuża f'kull bini tal-Gvern għandha tkun karta riċiklata. |

| |
|---|
| Wara kollox, jista' jitnaqqas l-użu eċċessiv tal-karti f'din l-era ta' teknoloġija. |
| Kumpaniji li joqogħdu attenti biex jużaw mill-inqas materjal għall-ippakkjar u li dan l-ippakkjar ikun tal-inqas ħsara għall-ambjent jiġu reklamati iktar jew ikollhom inqas taxxi fuq il-prodotti tagħhom minn kumpaniji oħrajn. |
| Il-Gvern jagħti inċentvi lill-iskejjel permezz ta' kotba fil-libreriji li jinkoraġġixxu r-*re-using* tal-kotba. |
| Isir moniteraġġ ta' kif jinġabar l-iskart biex ma jkunx hemm taħlit jew abbużi. Ġew irrappurtati każijiet fejn skart riċiklabbli mill-iskema Irriċikla t-Tlieta ġie mħallat mal-iskart imħallat li jinġabar kuljum. |